MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Numru 26/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs.**

**LEWIS FALZON**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Lewis Falzon ta’ 49 sena’ bin Carmel u Josephine nee’ Cachia imwieled Qormi fi 10 ta’ Mejju 1960 u joqghod 65 MYHA Triq tal-Borg Rahal Gdid detentur tal-karta tal-identita’ numru 354660M.

Billi huwa akkuzat talli fi 18 ta’ Dicembru 2009 bejn is-2.30pm- 7.30pm waqt li kien gewwa l-fond 65 MYHA sitwat fi Triq tal-Borg Rahal Gdid ikkommetta serq ta’

madwar 350Euro, liema serq hu ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna ghad-detriment ta’ Joseph Attard minn Haz-Zebbug.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. SZ3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.
Rat l-artikoli 261(c) u (d), 267, 268, 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Lewis Falzon, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali minima tal-imputat u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Lewis Falzon ghall-piena ta’ sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Lewis Falzon jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Lewis Falzon l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------